**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Johann J. Fenech]**

**vs**

**Andre' Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 962/14**

**Illum, 9 ta' Lulju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Andre' Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 269480M akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-03 u l-04 t'Ottubru 2014 f'dawn il-Gzejjer:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Roberta Falzon miz-Zurrieq minhabba li l-istess offiza sejra ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' l-istess Roberta Falzon, skond kif iccertifikat Dr. M. Borg MD mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Roberta Falzon biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet

jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9, meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se jikkaguna lil xi haddieħor hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;

3. hebb kontra Roberta Falzon sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmlilha hsara;

4. ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni, kif ukoll

5. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

6. waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut, twieqi, bibien, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta' haddiehor, jew ta' bini iehor; jew habbat bibien, jew cempel qniepen tad-djar jew ta' bini iehor ta' haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputat bhala wiehed li sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt Dr C Scerri Herrera LLD, nhar it-08/10/2013.

Il-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kap ghas-sigurta' ta' Roberta Falzon u l-familja taghha, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Fl-ahharnett, il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Frar elfejn u hmistax fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe':

a. Fl-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
ċ. fl-artikolu 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. fl-artikolu 339(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
ġ. fl-artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat feriti gravi fuq l-ex tfajla tal-imputat Roberta Falzon bejn it-tlieta (3) u l-erbgha (4) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) f'Marsaxlokk u b'fastiju kontriha.

Illi mix-xhieda tal-istess **Roberta Falzon** hareg illi hija marret taghmel rapport l-Ghassa taz-Zurrieq wara li l-imputat mar fuq il-post tax-xoghol taghha f'Marsaxlokk fejn hija kienet qieghda taghlaq il-hanut fejn tahdem u maghha kien hemm persuna maskili Taljan jistenniha sabiex ma tibqax wehidha f'dak il-hin tal-lejl. Hija tghid illi fil-pront tara lill-imputat diehel b'turnavit f'idejh u

beda jghajjat il-klien *“Intaqqbek, intaqqbek”* u lit-Taljan beda’ jghidlu *“Naqtalek rasek barra lilek, naqtalek rasek barra”* bil-konsegwenza li dawn kienu ser jigu fl-idejn u meta hi marret tferraqhom l-imputat ta daqqa ta’ turnavit fuq mohhha bil-manku. Hija tkompli tghid imbaghad li Andre’ qabadha minn ghonqha, kaxkarha u gidmilha imnieherha. Wara dan taha daqqa bil-hadida li hija kienet ser tuza sabiex tnizzel ix-*shutter* tal-hanut u laqtilha snienha u tajjarielha. Hija tikkonferma wkoll illi hija kienet tohrog mal-imputat xi sena qabel ma hija telqitu xi ftit jiem qabel.

Illi dawn il-griehi gew ikkonfermati minnha permezz ta’ ritratti mehudin mix-xhud stess u mmarkati Dokument RF1-RF6.

Dawn il-griehi gew ukoll ippruvati permezz tax-xhieda tat-tobba involuti senjatament Dr. Yvette Zahra li xehdet fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Novembru elfejn u erbatax (2014) u Dr. Maria Borg li xehdet fis-seduta tas-sittax (16) ta’ Frar elfejn u hmistax (2015).

Xehed sid il-hanut **Mario Xuereb** fejn xehed li dakinhar tal-allegat reat ma kienx hemm izda mis-sistema tas-CCTV tal-hanut South Port seta’ jara li persuna baqghet gejja f’xi s-saghtejn ta’ filghodu kontra d-direzzjoni tat-traffiku, ra lil din il-persuna sejra fuq dik il-persuna Taljana u mbaghad meta Roberta kienet sejra tferraqhom dan ta daqqa lil Roberta b’xi haga li huwa kellu f’idejh u ta daqqa bl-irkoppa. Huwa jghid ukoll illi l-ghada tal-allegat reat sab turnavit inkwistjoni u li gie esebit in atti fuq il-bank tal-hanut tieghu. Illi dan il-filmat gie wkoll ikkonfermat mis-sid tal-istabbiliment South Port David Burke.

Xehed ukoll **Dr. Steven Farrugia Sacco** li gie nominat minn din il-Qorti sabiex jiehu konjizzjoni tal-filmat esebit in atti (Dok. JF1) u johrog *stills* minnu (Dok. SFS1). Dawn irrizultaw li ma kinux cari hafna.

Xehdet ukoll omm il-parte civile **Catherine Falzon** fejn ikkonfermat li dakinhar tal-allegat reat gie xi hadd f'nofs ta' lejl idoqq il-qampiena tad-dar taghhom u meta marru biex jaraw min kien dan mar jigri fil-karrozza u telaq 'l hemm.

Illi giet esebita s-sentenza inkwantu tal-addebitu tar-recidiva (Dok. JF4).

Rat illi fis-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju elfejn u sittax (2016) l-imputat talab li jithejja *Social Enquiry Report* min-naha ta' ufficjal tal-Probation. Dan ir-rapport gie mahluf fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) u fejn f'din is-seduta gie mitlub mid-difiza sabiex l-imputat jigi segwit b'Ordni ta' Supervizjoni Provvizjorja minhabba l-problema ta' droga u tax-xorb.

Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation **Matthew Fleri Soler** li rega' xehed wara li segwa l-imputat ghal numru ta' xhur u fejn ikkonferma li l-imputat kien ghadu dipendenti fuq id-droga u li ma tantx ta' hegga sabiex jibda programm. Ix-xhud ikkonferma li f'eventwalita' ta' piena l-imputat ma kienx idoneju sabiex ikollu Ordni ta' Servizz fil-Komunita' minhabba l-fatt li hu kien ghadu bil-vizzju tad-droga.

Finalment regghet semghet lill-parte civile **Roberta Falzon** fi stadju tal-provi difiza li bix-xhieda taghha hija rrinunzjat ghal dak li hu rininzjabbli u hafret lill-imputat sakemm dan ihalliha bi kwieta.

Illi ghar-rigward ta' dak li semmiet id-difiza fit-trattazzjoni taghha dwar il-griehi subiti mill-parte civile jinghad illi mix-xhieda taghha l-parte civile Roberta Falzon xehdet li apparti li sewwiet snienha hija kien ghad ghandha bocca fuq mohhha minhabba d-daqqa bit-turnavit li din setghet tikkonstatah din il-Qorti, kif ukoll hofra fuq imnieherha minhabba l-gidma. Dan kollu setghet

tikkonstatah din il-Qorti hekk kif jirrizulta mix-xhieda taghha datata tlettax (13) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014). Illi rrizulta li meta giet rikjamata l-parte civile mid-difiza fi stadju tal-provi taghhom, ma gietx mistoqsija jekk hija ghadx kellha dawn il-marki fuq wiccha. Fil-fatt mix-xhieda tat-tabiba Dr. Maria Borg, din kienet qalet li n-natura tal-griehi li kellha l-parte civile kienu gravi peress li kienu fuq il-wicc u li kienu ser ihallu marka wara.

Illi b'dan kollu pero' ghandu jinghad illi l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova oltre' d-dubju dettat mil-ligi jekk l-isfregju huwiex wiehed serju u permanenti kontemplat bl-Artikolu 218(1)(b) jew sfregju semplici taht l-Artikolu 216(1)(b). Illi gialadarba l-Artikoli tal-Avukat Generali jirreferu ghall-Artikolu 218(1)(b) u gialadarba din il-Qorti ghandha toqghod fuq l-Artikoli tal-Avukat Generali, thoss li dawn ma gewx ippruvati stante li ma giex mitlub il-hatra ta' espert mediku sabiex jirrelata fuq in-natura tal-griehi.

Illi l-akkuzi l-ohra kollha gew irtirati mill-parte civile bix-xhieda taghha.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Andre' Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**